# San Ġwann Battista bi prominenza fuq il-mużajċi l-ġodda tal-faċċata tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex

*Minn Francesco Pio Atard*

Wieħed mit-tliet mużajċi ġodda li għadhom kemm twaħħlu fuq il-faċċata tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex juri bi prominenza lil San Ġwann Battista.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju 2015 beda jirrealizza ruħu l-proġett ta' arti sagra maħduma fil-mużajk għall-faċċata u z-zuntier tas-Santwarju, fejn 'il quddiem huma mistennija jitwaqqfu wkoll rappreżentazzjonijiet artistiċi ta' l-għoxrin Misteru tar-Rużarju.

Il-mużajċi qed jinħadmu mill-artista famuż Slovenn Patri Marko Ivan Rupnik SJ, flimkien mal-ħaddiema taċ-*Centro Aletti* ta' Ruma. L-ewwel tliet mużajċi li twaħħlu huma dawk fuq il-bibien tal-faċċata tas-Santwarju: il-Madonna bil-Bambin fuq il-bieb prinċipali, San Ġwann Battista fuq il-bieb tal-Punent, u l-Appostlu Missierna San Pawl fuq dak tal-Lvant. Ix-xogħlijiet jikkumplimentaw b'mod sabiħ ħafna l-istil neo-Romanesk tal-Bażilika.

Rupnik innifsu, artist u teologu li ismu żgur m'għandu bżonn ta' l-ebda introduzzjoni fl-isfera ta' l-arti sagra kontemporanja, kien preżenti Għawdex għat-tqegħid ta' dan il-mużajk. Ta' min ifakkar li b'dan il-proġett is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu qed jingħaqad ma' santwarji oħra kbar fid-dinja, bħal Lourdes, Fatima u San Giovanni Rotondo, fil-ħannieqa ta' xogħlijiet rinomati ta' Rupnik u ċ-*Centro Aletti*, li jinsabu mxerrdin f'aktar minn tlettax-il pajjiż u fuq mija u tletin knisja. Dan tas-Santwarju Ta' Pinu huwa l-ewwel xogħol ta' Rupnik fil-gżejjer tagħna.

F'ħarsa aktar mill-qrib lejn ix-xogħlijiet il-ġodda f'Ta' Pinu sirna nafu li l-mużajk li jirraffigura lill-Prekursur tal-Mulej inħadem personalment – dejjem taħt is-superviżjoni ta' l-imgħallem Rupnik – minn idejn Dun Roberto Gauci, saċerdot Għawdxi minn Ta' Kerċem li bħalissa qed jitħarreġ fix-xogħol ta' l-arti sagra fil-mużajk fl-*Atelier Centro Aletti* ta' Ruma.

F'kummenti li ħallielna dwar it-tifsira teoloġika ta' dan il-proġett, imma b'mod partikulari dwar l-għażla ta' San Ġwann fit-'trittiku' – biex insejħulu hekk – tal-mużajk li issa jżejjen il-faċċata tas-Santwarju Marjan ewlieni tal-gżejjer tagħna, hu qalilna li "fuq iż-żewġ bibien tal-ġnub jidhru San Ġwann il-Battista u San Pawl, l-Appostlu ta' Malta, it-tnejn f'pożizzjoni ta' *diesis*, jiġifieri f'att ta' adorazzjoni lill-Iben ta' Alla.

San Ġwann huwa l-aħħar profeta, dak li jindika l-preżenza ta' Kristu bħala l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja, u b'idejh qed juri lil Kristu bħala l-mibgħut ta' Alla. B'dan il-ġest tiegħu huwa qed jistieden lil kull pellegrin sabiex jidħol fis-Santwarju ħa jirċievi l-maħfra ta' dnubietu, għaliex fi Kristu biss il-bniedem isib il-maħfra u s-serħan tal-qalb".

Kemm San Ġwann u kemm San Pawl f'dawn il-mużajċi jidhru f'pożizzjoni ta' inkin, mhux biss għax qed iqimu lil Kristu, iżda wkoll għax iridu jfakkruna li biex il-bniedem iduq is-sbuħija u l-kobor ta' Alla jeħtieġ jersaq lejh f'atteġġjament ta' umiltà, għax kif jistqarr Ġwanni, "ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu. Jiena għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu" (Mk 1:7-8).



